MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2014

Rikors Numru. 629/2012

A **B**

***vs***

**L-Avukat Dr Renzo Porsella Flores u il-PL Pauline Mallia b'digriet tad-29 ta' April, 2013 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti**

**C DE**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-esponenti zzewget lil C DE fis-7 ta' Awissu tas-sena 2000 hekk skond l-Att taz-Zwieg hawn anness u mmarkat Dok A, mill-liema zwieg huma ma kellhomx tfal;

Illi wara ftit zmien, u qabel ma ghalqu sena mizzewgin, l-assenti C Iliev Ilkov iddecieda illi ried jissepara minn ma martu u fit-12 ta' Frar tas-sena 2001 il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni, ippubblikat minn Nutar Dr Ivan Barbara hawn anness u mmarkat Dok B; Illi skond l-istess kuntratt, senjatament l-Artikolu 5, l-ebda manteniment hu dovut bejn il-partijiet;

Illi l-partijiet ilhom isseparati ghal iktar minn erba' snin, ossija ghal iktar minn ghaxar snin;

Illi l-esponenti la taf fejn l-assenti qieghed u lanqas jekk hux haj jew mejjet, stante li l-ahhar darba li ratu kien dak inhar tal-iffirmar tal-kuntratt, u l-assenti kien informa lill-esponenti ili kien ser jitlaq minn Malta;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksieb tad-divorzju, skond l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 15 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra tali hall taz-zwieg;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati, li in forza taghha huma eccepew :

Illi filwaqt li huma ma jafux bil-fatti li wasslu ghall-kawza, hekk kif l-attrici tghaddilhom kull taghrif li ghandha – l-aktar l-indirizz ta' barra, anki jekk qadim – ta' zewgha C Iliev Ilkov, li ghalih huma inhatru biex jidhru, huma jaghmlu l-almu taghhom kollu biex jaqdu dmirhom kif imiss;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Mejju 2013;

Semghet lir-rikorrenti tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta' Frar 2001 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------